**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Paula Ciantar]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 664/2016**

**Illum, wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis- bil-karta tal-identità numru -Omissis-:**

1. **Akkuzat talli fl-10 ta' Lulju 2015 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti,**

**li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-età u cioè bintu -Omissis- (-Omissis-) meta kienet ghadha m'ghalqitx 15-il sena;**

***Bi ksur tal-Artikoli 18, 204C u 208AC tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

**Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurtà tal-imsemmija minuri -Omissis- (-Omissis-), u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.**

**F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurtà ta' -Omissis- (-Omissis-) ai termini tal-Artikolu 383 et seq. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet finalment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ezami tal-imputat quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti tal-Inkjesta Magisterjali redatta minn dak iz-zmien Magistrat Dr Neville Camilleri bin-numru 455/15.[1]

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disgha (9) ta' Novembru, 2020 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikolu 204C(1)(2)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif kienu qabel l-emendi tal-XIII tat-2018;

2. Fl-artikoli 208C(1)(b)(e)(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 412C, 412D, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Fol. 13 et seq.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Rat l-assenjazzjoni tal-Prim Imhallef Dr Mark Chetcuti datata 28 t'April 2021 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;[2]

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi semghet lill-**Ispettur Paula Ciantar** li spjegat ghal xiex wasslet l-investigazzjoni taghha wara diversi intervisti mal-persuni involuti u kif waslet sabiex tohrog l-akkuzi fil-konfront tal-imputat wara li giet konkluza l-Inkjesta mertu ta' dawn il-proceduri.

Semghet ukoll l-espert psikologa mqabbda fl-inkjesta magisterjali **Dr Carmen Sammut** fejn din kienet giet inkarigata sabiex tisma' lill-minuri -Omissis- u tirrelata fuq dawn ic-cirkostanzi fejn ikkonfermat illi din kienet semmiet xi abbuzi sesswali fuq missierha u anke fuq huha -Omissis- u fejn dawn il-konkluzjonijiet jinsabu elenkati fir-

[2] Fol. 225.

rapport taghha.[3] Inkontroezami l-psikologa stqarret illi mill-intervista li kellha ma' -Omissis- hareg illi meta kienet ma' ommha s-Sirja l-affarijiet kienu jkunu tajjeb izda l-affarijiet inbidlu meta giet Malta ta' seba' (7) snin tghix ma' missierha u hutha s-subien.

Il-haddiema socjali **Graziella Agius** li kienet issegwi lil -Omissis- mis-sena 2012 ikkonfermat li hi u hutha kienu taht care order izda f'Lulju tal-2013 kienet giet reintegrata lura ma' missierha fuq talba taghha. F'Ottubru tal-istess sena -Omissis- bdiet terga' tilmenta li missierha kien vjolenti u ghalhekk regghu harguha mid-dar. F'Dicembru dahhluha ma' foster parents izda ftit wara din harbet minn din id-dar. Ghal xi raguni din regghet lura d-dar ma' missierha izda xi zmien wara din bdiet terga' tilmenta minnu u qalet illi l-unika raguni ghalxiex kienet marret lura ghaliex hasbet li missierha kien f'qaghda hazina ta' sahha. Din regghet giet placed mal-foster parents li kellha qabel izda din il-permanenza damet biss xahrejn ghax it-tifla bdiet theddidhom li kienet ser tahrab. Tghid illi f'dan l-istadju t-tifla bdiet tinsisti li ma riditx tmur lura ma' missierha izda meta marret lura -Omissis- din bdiet tagixxi b'mod mhux rispettabli u thedded li ha tahrab u li kienet ser twegga' lilha nnifisha biex tmur lura ma' missierha u

[3] Fol. 22-28.

ghalhekk kienu regghu baghtuha lura ma’ missierha. F’Gunju 2015 it-tifla regghet bdiet tiftah qalbha maghha fis-sens illi huha -Omissis- u missierha ma kinux qeghdin jittrattawha sew u kienu qeghdin jigbdu habel wiehed. Tilmenta maghha illi missierha kien strett u ma kienx ried jixtrilha libsa. Stqarritilha wkoll illi kien qed ikollha gibdiet sesswali ghal persuni tal-istess sess u ghalhekk haduha ghand tal-LGBTI biex ikellmu lit-tifla. L-ghada t-tifla allegat l-abbuz sesswali fuqha minn mindu kellha disa’ (9) snin fejn tghid illi missierha kien imissha fuq sidirha u l-parti taghha minn fuq il-hwejjeg. Tghid illi xi drabi t-tifla kienet tghid illi ma kinitx tilbes qalziet ta’ taht izda f’okkazjoni sussegwenti hija kienet qaltilhom illi kienet tilbes. Qaltilha li dan l-abbuz kien jigri qisu kull gimaghtejn qabel ma torqod. Meta din staqsiet lill-minuri ghalfejn kienet tmur fuq is-sodda tieghu meta taf li kien qed isir dan l-abbuz hija tghid illi s-sodda tieghu kienet komda u kien hemm televixin. Ix-xhud finalment ipprezentat rapport taghha li gie mmarkat bhala Dok. GA1.[4]

Xehed hu l-allegata vittma u cioè **-Omissis-** li kkonferma li darba minnhom ohtu -Omissis- kienet qaltlu li missierhom kien missha izda ma kinitx taghtu dettalji. Jghid illi din kienet qaltlu fuq xi chats ta’ bejniethom izda jghid ukoll li

[4] Fol. 67 – 72A.

ma kienx jemminha. Inkontroezami jghid illi lill-ohtu ma jemminhiex ghaliex tigdeb fejn fil-fatt kienet anke gidbed fuqu meta qalet illi kien ghamel att sesswali maghha b'mod specifiku li hu kien qallha biex taghmel sess orali fuqu izda li din kienet gidba ghaliex l-ewwel u qabel kollox din kienet ohtu kif ukoll ghaliex huwa omosesswali. Jghid illi ohtu hija persuna selfish u arroganti. Fuq missieru jghid illi huwa dejjem kien hemm ghalihom, kien jahdem hafna biex imantni tliet (3) itfal wahdu ghaliex il-mara tieghu kienet baqghet il-Libya fuq problemi ta' sahha. Jghid illi missieru kien strict hafna u ghalhekk -Omissis- kienet tirribella.

Instemghet ukoll il-counsellor tal-iskola fejn kienet tattendi -Omissis- u cioè **Carmen Galea** fejn tghid illi l-unika haga li kienet taf fuq din it-tifla illi meta din kellha xi tmien (8) snin kienu rrapurtawlha illi kienet serqet xi affarijiet minn ta' shabha. Tghid illi wara saret taf li din kienet qieghda tirrisjedi go home. Tghid ukoll illi hija aktar kienet taf lil huha -Omissis- u kienet konxja tal-fatt illi missierhom kien irabbihom wahdu u li kien strett hafna maghhom fejn xi daqqiet -Omissis- kien jaqla' s-swat. Fuq abbuz sesswali hija ma kienet taf xejn.

Finalment xehdet **-Omissis-** quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta izda bis-sistema awdjo-viziva li qalet li meta tkellmet fuq dan l-allegat abbuz kien fis-sena 2015 meta hija kellha xi erbatax (14) jew hmistax (15)-il-sena. Tghid illi hija kienet tkellmet ma' psikjatra u mas-social workers. Tghid illi dan l-abbuz beda meta hija kellha disa' (9) snin. Tghid illi l-ewwel darba li kien gara l-fatt meta kienet fil-kcina taghmel il-kafè ghal missierha. Tghid illi l-kcina kienet taghti ghal kamra tas-sodda ta' missierha fejn imbaghad kienet tmur taghtih il-kafè fis-sodda u hu kien jghidilha sabiex toqghod hdejh. Kien jghidilha sabiex tbexxaq il-bieba tal-laptop ghaliex xi nies setghu jaccessaw il-kameras tal-laptop u hija hekk kienet taghmel u tghid illi l-affarijiet graw minn hemmhekk. Tghid illi kienet tkun liebsa maxi dress bil-fjuri ghaliex kienet tkun tnaddaf. Tghid ukoll illi l-affarijiet kienu jigru wara l-ghaxra ta' filghaxija. Tghid illi kien juza jdejh biex imiss il-parti taghha u sidirha minn taht il-hwejjeg. Tghid illi dawn l-affarijiet baqghu ghaddejjin sa meta kellha erbatax (14)-il sena u bejn wiehed u iehor darba f'gimgha u kienu jdumu xi nofs siegha jew tliet kwarti. Tghid illi d-drabi ta' wara dejjem l-istess gara. Meta giet mistoqsija ghalfejn ma kinitx tkellmet fuq dan l-abbuz sesswali meta kienet irrapurtat fuq is-swat hija wiegbet illi ghaliex kienet bezghet. Fuq domandi inkontroezami tghid illi ghalkemm

meta hija kienet tkun taht care order u cioè barra mid-dar hija kienet tiftah qalbha ma' hafna nies hija qatt ma tkellmet fuq l-abbuz sesswali minn missierha. Tikkonferma wkoll illi meta kienet taht care order kienet ta' sikwit tahrab minn fejn tkun.

Din ix-xhud regghet instemghet wara talba min-naha tad-difiza fuq fatti godda li sehhew wara x-xhieda originali tal-minuri -Omissis- fejn din it-talba giet milquha minn din il-Qorti stante dawn l-avvenimenti godda.

Fir-riezami taghha hija kkonfermat il-verzjoni originali taghha izda tghid illi minhabba l-fatt illi l-mamà taghha tinsab f'qaghda kritika ta' sahha din riedet twaqqaf kollox.

Illi finalment fuq talba tad-difiza ghall-social enquiry report liema talba giet milquha fejn l-ufficjal tal-probation **<u>Maryanne Zammit</u>** tixhed illi l-imputat ghandu problemi socjali u familjari u dan jista' jkunu gejjin mill-passat tieghu fis-Sirja fejn kien esperjenza l-gwerra. Dan maghdud mal-fatt illi fil-passat kien ukoll jezercita dixxiplina zejda fil-konfront tat-tfal tieghu tant li kien hemm ukoll imdahhlin tal-Appogg. Tghid illi hemm ukoll problema ta' rabja. Hija kkonfermat ukoll illi l-mara tieghu

ghandha problemi medici u ghalhekk anke dan il-fatt jaghmilha ferm difficli ghalih fil-hajja ta' kuljum.[5]

**Ikkunsidrat**

**<u>Rinunzja tal-proceduri</u>**

Illi hija cara r-rinunzja tal-proceduri da parte tal-minuri -Omissis- u dan wara li kienet tat id-debita xhieda taghha quddiem din il-Qorti stante li kienet lahqet età maggjorenni.

Illi l-imputat huwa mixli b'akkuza wahda u cioè dik li kkommetta atti sesswali fuq minuri li tigi bintu (Art. 204C u 208AC tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi r-reat ta' attivitajiet sesswali ma' minuri huwa regolat bl-Artikolu 204C tal-Kodici Kriminali li jistabbilixxi s-segwenti:

[5] Rapport esebit a fol. 307 et seq u mmarkat bhala Dok. MZ1.

> *"Kull min jipparticipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija . . . ".*

Illi kif digà kellha c-cans li tippronunzja ruhha din il-Qorti permezz ta' digriet appozitu, dan ir-reat, a kuntrarju tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, ma jistax jigi rtirat mill-persuna li tkun ghamlet il-kwerela ghaliex huwa prosegwibbli *ex ufficio*. Fil-fatt id-dispozizzjoni tal-Artikolu 543 tal-Kodici Kriminali jsib applikabilità hawnhekk fejn jghid:

> *"Il-pulizija tista' tagixxi, ukoll minghajr il-kwerela privata, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*
>
> *(a) fil-kaz ta' delitti li ghalihom il-ligi ma tiddisponix espressament li hija mehtiega l-kwerela privata; ...".*

Ghaldaqstant, u ghalkemm il-minuri -Omissis- kienet uriet ix-xewqa li twaqqaf kollox meta kwazi kienu ntemmu l-

proceduri, din ir-rinunzja ma setghetx twaqqafhom u ghalhekk kellha tghaddi biex tinghata din is-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Illi din il-Qorti trid tippremetti illi dawn il-proceduri twalu inutilment minhabba l-fatt illi l-Avukat Generali dam l-isbah tnax (12)-il-seduta sabiex hareg finalment l-Artikoli tal-Ligi bil-prosekuzzjoni tiddikjara li ma kienx hemm aktar provi fil-proceduri.**

**Ikkunsidrat**

**<u>Kredibilità tal-verzjoni tal-minuri -Omissis-</u>**

Illi dawn il-proceduri jiffukaw primarjament fuq il-verzjoni li tat il-minuri fejn maghdudin u mqabblin mal-passat u l-atteggjament taghha waqt li dawn l-allegat atti kienu qeghdin jigu kommessi, juru storja kemxejn differenti. U ghalhekk qed jinghad mill-bidu li din il-Qorti ma hi qed

tikkunsidra xejn kredibbli l-istorja li rrakkontat l-imsemmija minuri ghar-ragunijiet li ser telenka aktar 'il quddiem.

Illi f'dan il-kuntest ta' kredibilità qed issir referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara**[6] fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioè *"jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il- verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor."*

Illi l-Qorti applikat dak li nghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**[7] u cioè:

[6] Deciza 9 ta' Settemnru 2002.
[7] Deciza 31 t'Ottubru 2013.

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti hadet ukoll konjizzjoni ta' dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, "*id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix- xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.*"

**Ikkunsidrat**

Illi sa mill-bidu nett johrog car il-pjan tal-minuri li tghid dak li jaqblilha sabiex tottjeni dak li trid minghand in-nies ta' madwarha. Hawnhekk din il-Qorti thoss illi l-ufficjali tal-Agenzija Appogg setghu ghenu b'mod insaput dan l-atteggjament billi ma zammewx ma' pjan konciz u ko-ordinat sabiex il-minuri zzomm mieghu minflok dawn waqghu ghar-rikatti taghha li kull meta taghmel xi haga jibaghtuha minn post ghall-iehor. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, din in-nuqqas ta' stabbilità kompliet aggravat is-sitwazzjoni psikika tal-minuri.

Illi kif già nghad, sa mill-bidu nett tal-proceduri u cioè minn meta xehdet l-ufficjal prosekutur u cioè l-Ispettur Paula Ciantar, hareg profil tal-minuri -Omissis- li jippreokkupa. Dan meta l-istess Spettur tghid illi mill-ewwel intervista mal-imputat dan spjegalha li bintu riedet tpattihielu ghaliex kien juza d-dixxiplina sahansitra riedet lil huha igibilha l-velenu u theddid varju. Dan kien ikkonfermat meta l-Ispettur tkellmet ma' huha -Omissis- li fil-fatt anke kontra dan kien hemm allegazzjonijiet ta' abbuz sesswali kif ukoll kontra il-foster carer taghha u cioè -Omissis- izda kontra dawn ghal xi raguni ma komplietx tishaq fuqhom. L-istess Rodenas kien sahansitra kkonferma illi -Omissis- riedet tpattiha lil missierha ghad-dixxiplina u meta kienet tkellmu qatt ma semmietlu abbuz sesswali izda biss id-

dixxiplina. Illi l-allegazzjonijiet kontra Rodenas u kontra -Omissis- sfaw fix-xejn u dan ikompli jikkorrabora l-verzjoni li dejjem ta l-imputat li l-minuri -Omissis- tivvinta meta l-affarijiet ma jmorrux kif trid.

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti rat u fliet ir-rapport tal-espert Carmen Sammut li kienet intervistat il-minuri *ab initio* u minn dawn l-intervisti jkompli johrog il-profil tal-minuri fejn anke allegat illi huha -Omissis- kien jabbuzaha sesswalment fejn dan skont hi "kien ikollu x'jaqsam mieghi kompletament"[8] izda fejn uriet ix-xewqa li ma riditx tirraporta fil-konfront ta' huha ghalkemm dak li allegatament kien ghamel kien aktar gravi minn dak li kien allegatament ghamel missierha. Din l-espert finalment kienet ikkonkludiet is-segwenti:

> "***Konkluzjonijiet***
>
> *Mill-ftit laqghet li kelli ma' -Omissis-, mill-profil psikologiku hareg, kif ukoll meta qrajt ir-rapporti li kienu prezentaw il-haddiema socjali tal-Appogg dwar dak li kienet qalet -Omissis- tul iz-zminijiet, jiena tal-opinjoni li dak li qed tallega -Omissis- huwa bbazat fuq esperjenzi veri li hi ghaddiet*

[8] Pagna 3 tar-rapport tal-espert li tinsab a fol. 24 tal-process.

*minnhom fil-familja taghha. Wiehed irid izomm f'mohhu li dak li qed tallega huwa abbuz li gara fuq medda ta' zmien, f'hafna okkazjonijiet differenti,* ***u allura l-inkonsistenzi li jista' jkun hemm wiehed irid jarahom f'din il-lenti, li jistghu jirriflettu varjazzjonijiet ta' dak li kien gara tul iz-zmien. Dak li hi rrakkontat matul iz-zmien ghandu konsistenza generali, dwar in-natura generali ta' dak li kien jigri jew ma jigrix, ecc.,*** [9] *li jaghti certa credibilita' lil dak li kienet qed tallega li gara. Punt iehor importanti, li bhala psikologa klinika nixtieq nemfasizza, huwa li meta tifla ta' eta daqshekk zghira tigi esposta ghal abbuz sesswali minn membri tal-familja tul medda ta' zmien, li jkunu wkoll juru aspetti ohra iktar pozittivi lejha, bhal affezzjoni u jiehdu hsieb il-bzonnijiet bazici taghha, bhal ikel, skola, ecc, ir-relazzjoni tizviluppa bejn it-tifla u l-membru tal-familja, specjalment meta jkun genitur, tinbidel, u tbiddel it-tifsira ta' dak li t-tifla tifhem li hu imhabba. Imgieba sesswali, swat, u affezzjoni u mhabba jistghu jigu miftehma bhala haga wahda mit-tfal li jitilghu f'familja fejn dan jigri regolari, u allura jdumu hafna iktar biex jirrealizzaw li dak*

[9] Emfazi mizjud mill-Qorti.

*li qed jigri mhux f'postu, anzi abbuziv. Hemm l-aspetti kulturali wkoll li wiehed irid izomm f'mohhu, li jistghu ifixklu iktar ghax wiehed jista' jhossu li mhux qed juri rispett lejn genitur jekk jghidlu le jew jirraportah. Dawn huma ftit fatturi ohra, barra dawk li semmiet -Omissis- stess, li setghu ikkontribixxew ghall-attitudni mhux konsistenti li uriet -Omissis- tul iz-zmien".*

Illi mill-konkluzjonijiet taghha l-espert Carmen Sammut, ghalkemm tghid illi dak li kienet stqarritilha -Omissis- kien fl-opinjoni taghha bbazat fuq esperjenzi veri li kienet ghaddiet, però xorta wahda ssemmi inkonsistenzi li meta tarahom fl-istampa kollha tal-kaz jaghtu dehra kemxejn differenti mir-realtà. Meta l-espert tkellmet fuq "esperjenzi veri" ma kinitx skorretta ghaliex ir-rakkont tal-minuri kellu verament fih esperjenzi veri li dawn kienu tad-dixxiplina u s-swat mill-missier xi haga li hija stat ta' fatt ghaliex anke l-istess imputat kien ammetta dan fl-istqarrija tieghu. Però haga tal-ghageb hija ghalxiex meta l-minuri allegat abbuz sesswali fuq erba' rgiel li kienu qrib lejha, hija riedet tkompli biss kontra missierha? Ir-raguni bil-probabilità kbira hija li t-tliet persuni l-ohra helset minnhom wara li bdiet tallega fuqhom mentri missierha ma setghetx tehles

minnu u issa li saret maggorenni giet quddiem biex tahfirlu!

**Ikkunsidrat**

Illi llum il-gurnata huwa ormaj risaput illi l-prosekuzzjoni trid ittella' l-aqwa prova possibbli sabiex issib htija. Huwa wkoll obbligu tal-prosekuzzjoni illi ttella' dawk il-provi kontra u anke dawk favur l-akkuzat xi haga li f'dan il-kaz ma saritx. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi b'dispjacir din il-Qorti tinnota li kien hemm hafna xhieda li setghu jittellghu izda li dawn qatt ma gew interpellati biex jixhdu. Minflok saru hafna differimenti inutili fejn l-Avukat Generali kien jibghat nota ta' rinviju repettittiva sabiex il-prosekuzzjoni tikkonferma li ma kellux provi aktar, setghu jintuzaw sabiex jittellghu dawn ix-xhieda li forsi setghu jaghtu aktar dawl sabiex tinstab il-verità.

Xhud ewlieni u importanti kien ikun -Omissis- biex jikkonferma l-komportament tal-minuri meta din kienet tghix maghhom u fejn anke kontrih saru certu allegazzjonijiet ta’ abbuz sesswali. Persuni ohra bhal -Omissis-, -Omissis-, -Omissis-, -Omissis- u -Omissis- imsemmija mill-akkuzat fl-istqarrija tieghu fejn allegatament semghu f’okkazjoni wahda lill-minuri -Omissis- tghid li riedet tpattiha lil missierha. L-istess ghal certa -Omissis- u -Omissis- imsemmija mill-ispettur Paula Ciantar fid-depozizzjoni taghha. Illi di più u in sostenn ma’ dan, il-Qorti ma tistax tiskarta dak kontenut fir-rikors tad-difiza datat 22 t’Ottubru 2021 fejn intalab ir-riezami ta’ -Omissis- u d-dokumenti hemm esebiti.[10]

Finalment hemm l-istqarrija tal-imputat, li kienet ghal kwantu koerenti mal-fatti u li ghalkemm dan qatt ma kkonfermaha bil-gurament, xorta wahda qed tigi meqjusa bhala kredibbli. Illi l-imputat kien sincier ukoll meta jammetti li kien pjuttost dixxiplinat fit-trobbija tat-tfal tieghu u fejn anke kien juza swat fuqhom izda dwar l-allegazzjonijiet tal-abbuz sesswali dan dejjem cahad kategorikament.

[10] Fol. 231 – 276.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha elenkati l-imputat ma jistax qatt jinstab hati tal-allegazzjonijiet maghmula minn bintu stante li dawn l-allegazzjonijiet qeghdin jigu meqjusi inveritieri u qarrieqa.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **-Omissis-** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih stante li ma gietx ippruvata oltre d-dubju dettat mil-ligi.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**